MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 159/2010

**App. Nru. 159/2010 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Zahra talli:

(1) f’Ottubru 1999 volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, billi waqqa’ kamra li tinsab f’ghalqa maghrufa “Ta’ l-Imsaqqfa” fil-Gudja, liema kamra hija maghrufa bhala “Il-Barumbara”, ghad-dannu tal-Ghaqda Muzikali Marija Assunta, Gudja, liema hsara ma teccedix il-hamsin lira Maltin (Lm50);

(2) f’dawn l-ahhar xhur, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, ghalaq bil-gebel entratura li kien hemm minn dejjem fl-ghalqa maghrufa bhala “Ta’ l-Imsaqqfa” fil-Gudja ghad-dannu ta’ l-istess Ghaqda Muzikali Marija Assunta, Gudja;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-24 ta’ Marzu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Emanuel Zahra hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 85, 28A u 325(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu xahrejn prigunerija sospizi ghal sitt xhur. Dik il-Qorti inoltre ordnat li l-istess Emanuel Zahra jerga’ jibni l-istrutturi li kien hemm ezistenti qabel id-data ta’ l-akkuza, u dan ai termini ta’ l-artikolu 85(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fi zmien tliet xhur u, fin-nuqqas, awtorizzat lill-kwerelanti jergghu jibnu l-istess strutturi bl-assistenza tal-Pulizija a spejjez ta’ l-appellant (allura imputat);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Emanuel Zahra pprezentat fis-6 ta’ April 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena skond il-ligi jew, alternattivament, f’kaz ta’ sejbien ta’ xi htija, billi tinfliggi piena iktar konfacenti mac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-fedina penali aggornata ta’ l-imsemmi Emanuel Zahra esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni manifestament skorretta

tal-fatti riferibbilment ghall-ewwel imputazzjoni; (2) li, sussidjarjament u bla pregudizzju, anke kieku kellu jigi ritenut li l-appellant ghamel xi hsara volontarja, ma jistax jifhem kif jista’ jigi ordnat li jerga’ jibni l-istruttura llegali li kien hemm qabel id-data ta’ l-akkuza, jew kif il-kwerelanti jistghu jigu awtorizzati jibnuha huma; (3) li t-tieni imputazzjoni ma hi sorretta minn ebda prova; (4) li l-piena mhijiex konfacenti mac-cirkostanzi tal-kaz.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jghid li minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta car li l-ewwel Qorti hasbet li dak li waqqa’ ma kinitx l-ispeci ta’ kamra originarjament mibnija minnu izda l-kamra tan-nar innifisha. Il-kamra tan-nar qatt ma ntmesset mill-appellant u dak li waqqa’ kienet speci ta’ kamra li kien bena hu stess u li, ad insaputa tieghu, kienet bdiet tintuza mill-Ghaqda Muzikali peress illi ma setghux jahdmu n-nar fl-istess post fejn kienu jistivawh. Skond l-appellant, din il-kamra maghrufa bhala t-“Tinda” huwa waqqaghha wara l-hrug ta’ *Enforcement Notice* mill-MEPA. L-appellant jaghmel referenza ghax-xiehda ta’ l-*enforcement officer* John Bonnici f’dar-rigward, u jghid li huwa ma ghamel xejn hlief obda ordni moghtija minn Awtorita` legittima. Sussidjarjament, l-appellant jghid li anke kieku kellu jigi ritenut li huwa ghamel xi hsara volontarja lill-kwerelanti meta nehha l-istruttura msemmija, ma jistax jifhem kif jista’ jigi ordnat li jerga’ jibni l-istruttura llegali li kien hemm ezistenti qabel id-data ta’ l-akkuza, jew kif il-kwerelanti jistghu jigu awtorizzati jibnu tali struttura huma a spejjez ta’ l-appellant.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha u tikkonkludi mill-ewwel li l-kamra mertu tal-proceduri odjerni m’ghandha x’taqsam xejn mal-kamra li dwarha kien inhareg *enforcement notice* mill-MEPA. L-*enforcement notice* nhareg in konnessjoni ma’ kamra u hajt (*boundary wall*) kif jirrizulta mid-dokumenti esibiti minn Joseph Bonnici a fol. 49 sa 54. Il-kamra mertu ta’ dawn il-proceduri, aktar milli kamra, kienet bazikament tinda maghmula minn pjanci jserrhu fuq tankijiet u serratizzi jew pajpijiet u li kienet tinsab biswit xi sigar fuq in-naha opposta tal-kamra li fuqha kien inhareg l-*enforcement*

*notice*. Ara xiehda ta’ Anthony Agius u d-dokumenti a fol. 14 u 15.

Anthony Agius xehed illi din il-“kamra” bil-pjanci kien tellaghha hu u kienet tintuza biex isir it-tahlit mehtieg ghall-manifattura tan-nar (*fireworks*). Huwa qal li gurnata minnhom l-appellant tfacca rrabjat u qallu jnehhi l-karti li kien hemm ghax hemm tieghu, u qabad u qaleb kollox. Dwar dan l-incident sar rapport lill-Pulizija, bhalma xehed P.S. 1386. Din ix-xiehda mhijiex kontradetta peress illi huwa ovvju li fix-xiehda tieghu l-appellant jitkellem dwar xi haga kompletament differenti. Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni li l-appellant ghamel hsara volontarja ghad-dannu ta’ l-Ghaqda Muzikali Marija Assunta tal-Gudja giet debitament ippruvata. Li ma sar l-ebda prova dwaru huwa l-valur tal-hsara kawzata, u ghalhekk ir-reat ipotizzat irid jitqieghed fil-parametri tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali u mhux fil-paragrafu (c), cioe` fejn il-valur tal-hsara ma jkunx jiskorri tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29).

It-tieni imputazzjoni tirrigwarda r-reat ta’ *ragion fattasi*, izda – u dan jidher li sfugga lill-ewwel Qorti – dwar incident li m’ghandu x’jaqsam xejn ma’ l-incident kontemplat fl-ewwel imputazzjoni. Difatti l-appellant qieghed permezz tat-tieni imputazzjoni jigi akkuzat illi kkommetta r-reat ta’ *ragion fattasi* billi ghalaq bil-gebel entratura li kien hemm fl-ghalqa “Ta’ l-Imsaqqfa” ghad-dannu tal-Ghaqda Muzikali Marija Assunta tal-Gudja, u dan “f’dawn l-ahhar xhur” qabel is-26 ta’ Awissu 2000 (data li fiha nharget ic-citazzjoni), mentri l-ewwel imputazzjoni tirrigwarda x-xahar ta’ Ottubru 1999. Mill-provi jirrizulta li <u>hadd</u> mir-rapprezentanti ta’ l-imsemmija Ghaqda Muzikali ma qal xejn dwar l-gheluq ta’ xi entratura. U ghalkemm Joseph Bonnici xehed dwar *enforcement notice* li nhareg mill-MEPA dwar hajt bil-gebla tal-franka gholi seba’ filati mibni minghajr permess izda li sussegwentement inhareg permess fuqu, ma hemm l-ebda prova jekk dan il-hajt huwiex l-istess hajt li ghalih tirreferi t-tieni imputazzjoni. Konsegwentement it-tieni imputazzjoni ma tirrizultax.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ordnat lill-appellant, ai termini ta’ l-artikolu 85(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, jerga’ jibni l-istrutturi li kien hemm ezistenti qabel id-data ta’ l-akkuza. Peress illi l-ewwel Qorti sabet htija dwar it-tieni imputazzjoni, hija setghet tordna, a tenur ta’ l-imsemmi artikolu 85(2), ir-ripristinar ta’ l-ispoll kontemplat f’dik it-tieni imputazzjoni, u cioe` billi tordna li jerga’ jiftah l-entratura li allegatament ghalaq. Peress illi t-tieni imputazzjoni ma tirrizultax, l-ordni tal-Qorti a tenur ta’ l-imsemmi artikolu 85(2) se tigi revokata.

Kwantu ghall-piena, stante li l-appellant se jigi dikjarat hati ta’ l-ewwel imputazzjoni fil-parametri tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 325, u stante li se jigi dikjarat mhux hati tat-tieni imputazzjoni, hemm lok ta’ temperament fil-piena. Din il-Qorti tixtieq tirrimarka wkoll illi filwaqt illi l-ewwel Qorti ssospendiet is-sentenza ta’ prigunerija ghal perijodu ta’ sitt xhur, l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li l-perijodu operattiv m’ghandux ikun inqas minn sena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati li kkaguna hsara volontarja kif akkuzat u liema hsara ma teccedix il-hamsin liri Maltin (Lm50) u minflok issibu hati talli f’Ottubru 1999 volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, billi waqqa’ kamra li tinsab f’ghalqa maghrufa “Ta’ l-Imsaqqfa” fil-Gudja, liema kamra hija maghrufa bhala “Il-Barumbara”, ghad-dannu tal-Ghaqda Muzikali Marija Assunta, Gudja, liema hsara ma tiskorrix tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati ta’ dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahrejn prigunerija sospizi ghal sitt xhur u in kwantu ordnat li l-appellant jerga’ jibni l-istrutturi li kien hemm ezistenti qabel id-data ta’ l-akkuza, u dan ai termini ta’ l-artikolu 85(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fi zmien tliet xhur u, fin-nuqqas, awtorizzat lill-kwerelanti jergghu jibnu

l-istess strutturi bl-assistenza tal-Pulizija a spejjez ta' l-appellant, u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perijodu ta' sitt xhur millum. A tenur tas-subartikolu (3) ta' l-imsemmi artikolu 22, din il-Qorti fissret lill-appellant bi kliem li jiftiehem sew li jekk jaghmel reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, ikun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------